32205D0132



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-16 ta' Frar 2005**

**li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/137/KE li taċċetta garanziji offruti marbuta ma' importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr ġonot tal-ħadid jew azzar pur li joriġinaw mill-Kroazja u l-Ukrajna**

(2005/132/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet mibjugħa taħt il-prezz (*dumped*) minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. **PROĊEDURA TA' QABEL**

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 348/2000 ([2]), il-Kunsill impona dazji defninittivi kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr ġonot tal-ħadid jew azzar pur li joriġinaw mill-Kroazja u l-Ukrajna. Bid-Deċiżjoni 2000/137/KE ([3]), il-Kummissjoni aċċettat garanziji offruti minn esportaturi li joriġinaw mill-Kroazja u l-Ukrajna. Bid-Deċiżjoni 2002/669/KE, il-Kummissjoni aċċettat l-irtirar volontarju tal-garanzija konġunta tal-produtturi ta' l-Ukrajna.

(2) Minħabba talba mressqa mill-Kumitat għall-Ħarsien ta' l-Industrija tat-Tubi ta' l-Azzar mingħajr ġonot ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni interim tal-miżuri fis-seħħ kontra d-*dumping*, li tinkludi l-forma tal-miżura, bi qbil ma' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. ([4])

## B. **IRTIRAR TA' L-AĊĊETTAZZJONI TA' IMPENN**

(3) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 258/2005 ([5]), iffinalizza r-reviżjoni.

(4) Kif stipulat fil-premessa (137) tar-Regolament (KE) Nru 258/2005, u wara li kkonsulta l-partijiet kollha kkonċernati, l-impenn fil-forma preżenti ma għadux xieraq. Fuq din il-bażi, u anki skond il-klawsoli rilevanti ta' l-impenn li fuqu qed nitkellmu, li jawtorizza lill-Kummissjoni biex tirtira l-aċċettazzjoni ta' l-impenn unilateralment, il-Kummissjoni kkonkludiet li tirtira l-aċċettazzjoni ta' l-impenn.

(5) Il-Kummissjoni infurmat f'Diċembru 2004 lill-kumpanija mill-Kroazja Mechel Željezara Ltd, li pproponiet li tirtira l-aċċettazzjoni ta' l-impenn preżenti. Wara din in-notifika, il-gvern tal-Kroazja informa lill-Kummissjoni li l-kumpanija, bħala l-unika produttriċi fil-Kroazja tal-prodott ikkonċernat, ġiet likwidata u waqqfet il-produzzjoni fil-ħarifa ta' l-2004. Għalhekk, apparti dan, l-impenn huwa kkunsidrat li mhuwiex validu aktar.

## C. **REVOKA TAD-DEĊIŻJONI 2000/137/KE**

(6) Minħabba dak kollu li ġie msemmi, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/137/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/669/KE, għandha tiġi revokata.

([1]) ĠU L 56, tas-6.3.1996, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p.12).

([2]) ĠU L 45, tas-17.2.2000, p. 1. Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1515/2002 (ĠU L 228, ta' l-24.8.2002, p. 20).

([3]) ĠU L 46, tat-18.2.2000, p. 34. Deċiżjonidemendata bid-Deċiżjoni 2002/669/KE (ĠU L 228, ta' l-24.8.2002, p. 20).

([4]) ĠU Ċ 288, tat-23.11.2002, p. 11.

([5]) Ara paġna 7 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(7) Fl-istess żmien ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) 258/2005 impona dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq skala nazzjonali fuq importazzjonijiet għall-Komunità ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr ġonot tal-ħadid jew azzar pur li joriġinaw mill-Kroazja.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/137/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/669/KE, hija hawnhekk irrevokata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, fis-16 ta' Frar 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Peter MANDELSON

*Membru tal-Kummissjoni*